MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 134/2003

**Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**
**vs**
**John Grech**
**Charles Darmanin**
**Noel Chircop**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati John Grech ta' 41 sena, iben Joseph u Salvina nee' Cutajar, imwieled Mqabba fis-17 ta' Novembru 1961 u li joqghod fl-indirizz 'Plot 49' Dawret Mqabba, Mqabba, detentur tal-karta tal-identita numru 718361M u lill-imputat Charles Darmanin ta' 44 sena, iben Carmel u Patricia nee' Capener, imwieled Pieta fl-20 ta' Lulju 1958 u li joqghod fl-indirizz Blk C, Flat 6, Triq Corradino, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 496758M u lill-imputat Noel Chircop ta' 30 sena, iben Carmel u Carmela nee' Zammit, imwieled Zebbug fit-30 ta' Dicembru 1962, u li joqghod fl-indirizz 'Nomaryel', Triq

il-Ballut, Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 11163(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fis-26 ta' Dicembru 2000, u fid-dati ta' qabel, fl-Iklin jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw 400 kaxxa b'xorb akoholiku, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxuhom. Bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli taht l-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kmerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn LM23,000 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli taht l-istess cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamlu xi qligh iehor b'qerq li jammonta ghal aktar minn LM500, bi ksur ta' l-Artikoli 309 u 310 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT huma akkuzati :

Talli taht l-istess cirkustanzi, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta ittantaw li jaharbu d-Dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghinu jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi l-oggetti li jidhru fin-Nota ta' Qbid Numru 6/2001 hawn mehmuza, minn Hal-Far Groupage Complex, qabel l-ezami taghhom mill-Ufficcjal, inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, oggetti importati f'Malta, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu taghhom nota kif imiss jew b'mod li ma jkunux gew imdahhla fid-depozit kif imiss;

Talli taht l-istess cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom, gew fil-pussess, zammew, hbew, u / jew xjentament hallew jew ittolleraw, jew geghelu jew fittxew li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u / jew xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-garr, twarrib, depozit jew habi ta' l-oggetti in kwistjoni;

Dawn l-oggetti li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom valur ta' LM7467.70,0, dazju tas-Sisa ta' LM18706.80,0, dazju ta' l-importazzjoni ta' LM604.88,0 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) ta' LM4016.91,0, liema dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

Dan bi ksur ta' l-Artikli 60(a)(c)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) 68(1) u 63(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 u l-Artikli 16(j)(l) u 17(a) ta' l-Att XVI 1995 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAD978 illi ntuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti illi d-dazju taghhom ma jkunx imhallas, giet maqbuda bin-Nota ta' Qbid 7/2001;

Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija terz tal-piena tal-flus, jitqies bhala dejn civili li ghandu jithallas lill-Gvern ghat-terminu tal-proviso fl-Att 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti,

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-6 ta' Gunju 2005 (inserita a fol. 209 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 308 u 310 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikolu 309 u 310 tal-Kodici Kriminali ;

(d) fl-artikoli 60(a)(c)(e)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) 68(1) u 69(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 16 (j)(l) u 17 (a) ta' l-Att XVI 1995 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;
(f) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tas-16 ta' Lulju 2009 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat il-letters to prosecute mahurga mill-Kontrollur tad-dwana u mill-Kummissarju tal-VAT fil-konfronti tat-tlett imputati inseriti a fol. 16 sa 24 tal-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Proeskuzzjoni u mill-avukati difensuri tal-imputati Noel Chircop u Charles Darmanin.

Rat li l-avukat difensur tal-imputtat John Grech naqset milli tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet finali entro t-terminu lilha prefisss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci rigwardanti dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u dak iz-zmien Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina[1] jirrizulta li fis-26 ta' Dicembru 2000 ghall-habta tal-4.00pm il-Pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li fi Triq ir-Rumanzieri, l-Iklin kienet qed issir attivita' illegali. Meta l-Pulizija marru fuq il-post setghu jinnutaw li kien hemm trukk kbir tat-trasport bin-numru tar-registrazzjoni KAD 978 imdahhal fi drive-in li taghti ghal xi garaxxijiet. Il-Pulizija setghat tosserva wkoll li fil-bitha fejn kien hemm il-garaxxijiet kien hemm hames persuni li kienu Christpher Cutajar, Paul Cutajar, Roderick Tanti, Joseph Fenech u Josef Grech. Dawn in-nies kienu qed ihottu xi merkanzija li kienet fuq tmien pellets u parkeggjata fi shrink wrapping abjad minn fuq it-trukk ghal

[1] Li xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' April 2003.

gewwa wiehed milll-garaxxijiet fil-bitha. L-elenku dettaljat u ritratti ta' din il-merkanzija jinsabu indikati fir-rapport tal-esperti tal-Qorti il-Perit Richard Aquilina u PS1261 Charles Pace[2] u kienu jikkontjenu xorb alkoholiku.Meta l-imsemmija hamsa min-nies gew mitluba jipproducu d-dokumenti tad-Dwana relattivi ghal din il-merkanzija konsistenti f'xorb alkoholiku huma ma kellhomx dawn id-dokumenti. Irrizulta li t-trukk tat-trasport kien registrat f'isem Christopher Cutajar. Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li ghall-habta ta' Awwissu 2000 Roderick Tanti dahal fi ftehim sabiex igib xoghol alkoholiku b'kuntrabandu f'Malta u huwa avvicina lil Joseph Fenech sabiex jipprovdi parti mill-finanzjament ghal din l-operazzjoni u fil-fatt huma hargu tmint elef Lira Maltin kull wiehed u kienu qed jipprevedu li jaghmlu qliegh ta' madwar erbat elef Lira Maltin. Tanti u Fenech inkarigaw lil Chrisptopher Cutajar sabiex dan igorr ix-xoghol li kellu jasal mill-Italja minn Hal-Far ghall-garaxxijiet fl-Iklin. Mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Cordina jirrizulta li meta l-Pulizija tkellmet ma' Christopher Cutajar dan kien qalilhom li huwa kien kellem lil kuginuh John Grech, wiehed mill-imputati fil-kawza odjerna, li huwa burdnar maghruf bhala tal-Frida sabiex dan jaghmel kuntatt ma freight operator, certu Noel Chircop, li kien jopera bil-kumpanija Euro Freight Services Limited, (ukoll imputat fil-kawza odjerna) sabiex il-merkanzija titnizzel mill-Italja ghal Malta.  Dejjem skond l-Ispettur Joseph Cordina, Roderick Tanti kien stqarr mal-Pulizija li Noel Chircop kien accetta li jiehu hsieb li l-merkanzija tingieb Malta minn Milan. Mil-provi fil-fatt irrizulta li l-imsemmija merkanzija waslet Malta fi groupage container (trailer number AB52177) fuq il-vapur tas-Sea Malta The Maltese Falcon fis-26 ta' Dicembru 2000.  Wara li l-vapur imsemmi trakka f'Laboratory Wharf l-msemmi trailer ingarr lejn il-bonded stores tal-Euro Freight Services Limited f'Hal-Far minn Anthony Agius li kien gie hekk imqabbad mill-imputat Noel Chircop. Meta it-trailer wasal fil-bonded stores f'Hal-Far kien hemm il-bond operator Charles Darmanin li kien impjegat ma' Euro Freight Services Limited u dan kien

[2] Relazzjonijiet relativa jinsabu nseriti a fol. 159 sa 163 u a fol.  181 sa 188 tal-atti processwali.

qed jiehu hsieb li l-merkanzija li kien hemm fl-imsemmi groupage container tinhatt minn fuq l-istess trailer ghal gewwa l-bonded stores tal-kumpanija wara li jsir ix-xoghol ta' tallying. Mill-provi rrizulta li t-tmien pallets li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna inhattu ghal fuq it-trukk ta' Christopher Cutajar u dan hareg mill-kumpless ta' Hal-Far minghajr ma kellu d-dokumenti tad-Dwana relattivi rigwardanti l-hlasijiet ta' dazju u VAT u minghajr ma kellu l-gate pass out. Il-Pulizija rrizultalha li fil-gate ta' Hal-Far dak il-hin li hareg it-trukk ta' Cutajar kien hemm gwardjan tad-Dwana wiehed minflok tnejn kif ikun hemm is-soltu, u dan kien Mario Saliba, u dan tal-ahhar qal lill-Pulizija li l-imputat John Grech kien avvicinah sabiex ihalli it-trukk ta' Cutajar jghaddi minghajr gate pass out kif fi-fatt ghamel.

Mill-provi rrizulta li t-tlett imputati lkoll irrilaxxjaw stqarrijiet [3] fejn l-imputat John Grech jichad li huwa qatt kien avvicina lill-imputat l-iehor Noel Chircop sabiex il-merkanzija tigi trasportata Malta mill-Italja jew li qatt kien avvicina lill-Ufficjal tad-Dwana Mario Saliba u talbu sabiex ihalli lil Christopher Cutajar johrog minn Hal-Far bit-trukk kontenenti it-tmien pallets xorb minghajr gate pass out. L-imputat Noel Chricop fiz-zewg stqarrijet li rrilaxxja lil Pulizija ikkonferma li l-groupage container AB52177 li wasal fuq l-MV Maltese Falcon fis-26 ta Dicembru 2000 kien fih ix-xoghol tieghu izda ghall-ewwel qal li ma kienx jaf bit-tmien pallets tax-xorb alkoholiku izda sussegwentement qal li madwar xahrejn qabel kien ircieva telefonata minghand l-imputat John Grech li kien qabdu ma kuginuh Christopher Cutajar u dan kien qallu li xtaq igib zewg pallets b'merkanzija li ried jghaddi mid-Dwana minghajr ma jhallas dazju. Chircop qal li Cutajar cempillu diversi drabi jinsisti li huwa kellu jgiblu dawn iz-zewg pallets u f'okkazzjoni minnhom kien qabad it-telephone persuna ohra li kien heddu li jekk ma jiehux hsieb it-trasportazzjoni tal-merkainzija kienu ser jitilfu Lm18,000 u kien ser ikollu jaghmel tajjeb ghalihom hu (Chircop). Dan tal-ahhar qal ukoll li gie li kellu struzzjonijiet li kien hemm agent Taljan li kellu din il-konsenja li kien Dr. Donato ta' Genova li l-konsinna kellha tasal fuq il-Maltese Falcon u

[3] Inseriti a fol. 41 sa 46.

qalilna dana li kien halla fil-fatt it-tminn pallets, ma nizzilhomx fuq il-formola 1C li hu kellu jghaddi lid-Dwana. Din il-formola 1C li hu kellu jghaddi lid-Dwana. “Din il-formola 1C, kienet fil-fatt iffirmata minn George Vassallo, izda Chircop qal li kien imliha hu, li halla l-lista barra hu u Vassallo kull m’ghamel huwa li ffirmaha.”

Noel Chircop zied li hu ta struzzjonijiet lill-impjegat tieghu Charles Darmanin biex dawn il-pallets ma jiddahhlux fil-bond izda jintefghu mal-ewwel fuq it-trakk li kellu jkun qed jistenna kif spjegat qabel f’dan il-bond, fil-fatt hekk sar. Chircop qal li iktar tard kien qed jara l-ahbarijiet u semma’ dwar il-qabda ta’ kuntrabandu li nqabdet. Issuspetta dak il-hin li din il-qabda li ghamlet il-pulizija kienet l-istess xoghol li kien involut fih hu u ghalhekk cempel lil Charles Darmanin, l-impjegat tieghu, u qallu biex dan jinnega kollox kemm-il darba l-pulizija jkellmuh fuq dan ix-xoghol. Qal ukoll li d-dokumenti originali mill-Italja kellhom imnizzlin anke x-xorb alkohol li kellu jitnizzel hawnhekk Malta izda hu ma nizzilhomx fuq il-formola tad-Dwana u li dawn id-dokumenti l-originali ma kienux ghadhom ghandu. Meta Chircop gie mistoqsi x’kien ha jkun is-sehem tieghu jekk kienx ha jkun ikkompensat jew jiehu xi kumpens, qal li qatt ma fthemu dwar pagament izda meta l-pallets waslu Malta u hu kkuntattja lil John Grech u qallu li ma kienx hemm zewg pallets izda tmienja, mhux zewg pallets kif kienu tkellmu qabel. Grech kien irrispondieh u qallu li issa ha jitlob erbat elef lira minflok elfejn bhala qliegh ghalih.

L-imputat Charles Darmanin meta rrilaxxja l-istqarrija qal li kien ircieva struzzjonijiet sabiex it-tmien pallets jitghabbew minn fuq it-trailer AB52177 ghal fuq it-trukk misjuq minn Christopher Cutajar li kellu jkun hemm jistenna fejn il-bonded stores taghhom. Hu qal ukoll li ma kienx gie mwieghed xejn izda kien jaf li kien hemm xi haga hazina imma kien qed jobdi l-ordnijiet.

L-imputati Noel Chircop u Charles Darmanin it-tnejn ghazlu li jixhdu f’dawn il-proceduri fejn Charles Darmanin xehed waqt l-udjenza tat-30 ta’April 2010 filwaqt li l-imputat Noel Chircop xehed waqt l-udjenza tat-28 ta’ Lulju

2010. Charles Darmanin qal li fiz-zmien tal-kaz in dizamina huwa kien ilu jahdem bhala bond operator ma Euro Freight Services Limited ghal madwar sena u xogholu kien li jopera il-bonded stores tal-kumpanija f'Hal-Far fejn meta tasal il-merkanzija jaghmel ix-xoghol ta' tallying mal-fozjal tad-Dwana jekk ix-xoghol ikun ser jinhatt bl-assistenza tad-Dwana u xogholu kien li jara li l-merkanzija li tkun indikata fuq il-Fromola hekk imsejha 1C tkun fil-fatt qeghda fit-trailer li qed jinhatt. Huwa spjega wkoll li il-bonded area f'Hal-Far kienet taht il-kontroll assolut tal-Kontrollur tad-Dwana u hadd ma seta' jidhol jew johrog minn Hal-Far minghajr il-kunsens tal-Kontrollur tad-Dwana. Huwa preciza li fiz-zmien in dizamina sabiex merkanzija setghat tohrog minn Hal-Far il-burdnar li johrogha kellu bzonn id-delivery note u gate pass out li kelu jurihom lill-Ufficjal tad-Dwana li jkun mal-gate qabel dan ma jhallih johrog. Huwa spjega li dakinhar tas-26 ta' Dicembru 2006 kien wahdu fil-bonded stores ta' Euro Freight Services Limited qed jistenna trailer gej u kien gie nfurmat li fit-trailer seta' kien hemm merkanzija li la kienet tindika minn fejn gejja u l-anqas min huwa d-destinatarju. Huwa qal li mhux l-ewwel darba li kien ikun hemm diskrepanzi fil-Formola1C u spjega li waqt li kien qed jistenna t-trailer jasal u kien qed jiprepara l-karti mar ikellmu Christopher Cutajar  u qallu li kien qed jistenna xi xoghol minn fuq it-trailer izda Darmanin spjega li meta iverifika mal-karti tieghu ra li ma kien hemm indikat ebda xoghol ghal Cutajar u meta infurmah dwar dan Cutajar beda' jsir agressiv, jidghi u ried ihebb ghalih u huwa ghalhekk cempel l-imghallem tieghu Noel Chircop li qallu sabiex jghid lil Cutajar li fuq it-trailer kien hemm xoghol bla marki u meta jasal jivverifikaw jekk kienx tieghu u huwa sadanittant kien ser jipprova jikkomunika mal-agenti taghhom fl-Italja sabiex igib aktar informazzjoni dwar il-merkanzija bla marki Darmanin qal li aktar ma beda' jghaddi l-hin aktar Cutajar beda' jsir agressiv u huwa cempel lil Chircop u infurmah b'dan l-agir u qallu li jekk Cutajar kein ser ikompli sejjer hekk kien ser jaqbad u jitlaq mill-istores. Damanin spjega li finalment Chircop qallu sabiex ihalli lil Cutajar jghabbi t-tmien pallets ghal fuq it-trukk izda tah struzzjonijiet sabiex jghid lil Cutajar sabiex ma jitlaqx minn fuq il-post qabel ma jgiblu l-karti relattivi u

huwa fil-fatt hekk ghamel. Darmanin spjega li huwa ma hareg ebda Gate Pass Out sabiex din il-merkanzjia tkun tista' tohrog minn Hal-Far u qal li meta Cutajar beda' jghabbi l-merkanzija huwa dahal fl-istores u kompla jaghmel xoghol hemmhekk u spjega li meta hareg aktar tard ra li t-trukk ta' Cutajar ma kienx barra l-istores u ghalhekk cempel lil Chircop sabiex jinfurmah u dan qallu sabiex ma jinkwetax ghaliex minn hemmhekk ma setax johrog minghajr il-karti relattivi u li jista' jkun li kien ha t-trukk x'imkien iehor Hal-Far u li kien ser jivverifika l-affarijiet mad-Dwana l-ghada filghodu. Darmanin spjega li akar tard filghaxija meta sema' fuq l-ahbarijiet li l-Pulizija kienet qabdet xi xoghol b'kuntrabandu huwa nduna li Cutajar kien qabad u hareg bix-xoghol minn Hal-Far u qal li sussegwentement huwa kien gie msejjah u nterrogat mill-Pulizija. Huwa spjega li fl-istqarrija meta qal li kien jaf li qed jaghmel xi haga hazina ried jghid li kien jaf li ma messux halla lil Cutajar jghabbi x-xoghol ghal fuq it-trukk tieghu minghajr id-delivery note izda spjega wkoll li huwa kien hallih jaghmel dan minhabba it-theddid u ghaliex kellu mohhu mistrieh li dan ma setax johrog minn Hal-Far ghaliex huwa ma kienx hariglu l-Gate Pass Out.

L-imputat Noel Chircop spjega li huwa kien gie avvicinat mill-imputat John Grech fejn dan qallu li l-kugin tieghu Christopher Cutajar kien ser jibda jimporta x-xoghol mill-Italja u talbu jaghtih prezz tajjeb. Meta dan Cutajar ikkomunika mieghu permezz tat-telephone huwa qallu li ried jghaddi zewg pallets minghajr ma jhallas dazju izda Chircop jghid li huwa wiegbu li ma kienx lest li jinvolvi ruhu f'dawn it-tip ta' affarijiet. Chircop kompla jghid li Cutajar beda' jinsisti mieghu u kompla jcempillu sakemm f'okkazzjoni mnnhom huwa gie mhedded minn persuna fuq it-telephone li qallu li kien ser ikollu jaghmel tajjeb ghall-flus li kienu ser jitilfu. Chircop qal li huwa beda' jibza' u rraguna li jekk jirranga sabiex il-merkanzija tigi trasferita Malta ma kien ser ikun qed jaghmel xejn hazin ghaliex il-merkanzija ma setghatx tinhareg minn Hal-Far qabel ma jithallas id-dazju u jinhareg il-Gate Pass Out. Chircop ikkonferma dak li qal Darmanin rigward it-telefonati li beda jaghmillu dan tal-ahhar fejn beda jinfurmah dwar l-attegjament u l-insistenza ta' Cutajar u kkonferma wkoll li

kien qal lil Darmanin sabiex ihalli lil Cutajar jghabbi il-merkanzija fuq it-trukk izda jghidlu sabiex ma jitlaqx qabel ma jingabu l-karti relattivi. Chircop spjega li meta huwa gie arrestat u nterrogat mill-Pulizija kien thalla lejl shih f'cella mahmuga u ghalhekk kien ferm agitat u ried jitlaq anki ghaliex kien jaf li martu kienet hejjitlu party tal-birthday u ma riedx jinkwetaha u qal li l-Ispettur Cordina beda' jpoggilu l-kliem f'halqu u huwa fil-fatt ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat John Grech ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellux provi xi jressaq.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li ttiehdu proceduri fil-konfronti ta' Roderick Tanti, Joseph Fenech u Christopher Cutajar in konnessjoni ma' dan il-kaz b'imputazzjonijiet identici ghal dawk fil-kawza odjerna fejn l-imsemmija tlieta min-nies instabu hatja skond ma jirrizulta mis-sentenza inserita a fol. 230 sa 240. F'dawn il-proceduri gie prodott bhala xhud Christopher Cutajar biss li xehed f'zewg okkazzjonijiet, l-ewwel darba fit-3 ta' Lulju 2008 u t-tieni darba fid-9 ta' Jannar 2009. Huwa kkonferma li kienu ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tieghu rigwardanti tmien pallets xorb li kien garr minn Hal-Far sa l-Iklin u qal li kien gie mqabbad jaghmel dan minn Joseph Fenech u Roderick Tanti. Huwa qal li Roderick Tanti kien indikalu mill-liema warehouse kellu jigbor il-merkanzija u kien qallu wkoll li ma kellux dokumentazzjoni ghaliex kien irranga kollox hu. Huwa spjega li meta mar fil-warehouse kien qal llil-persuna li kien bil-forklifter sabiex jghabbilu l-merkanzija fuq it-trukk. Huwa qal ukoll li lill-imputat John Grech kien jafu ghaliex kien il-kugin tieghu izda qal li lil-imputat Noel Chircop ma kienx jafu u ma kellux in-numru tat-telephone tal-ufficcju tieghu. Huwa kkonferma li kien irrilaxxja zewg stqarrijiet lill-Ispettur Cordina izda qal li meta rrilaxxja t-tieni stqarrija kien gie mgieghel jikkonferma dak kollu li kien qal Joseph Fenech sabiex jehilsu malajr. Huwa

kkonferma wkoll li meta hareg mill-gate ta' Hal-Far ma wera ebda karti sabiex jithalla johrog.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ufficjal tad-Dwana Mario Saliba li kien fil-gate ta' Hal-Far meta hareg it-trukk ta Cutajar ma giex prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri t-tlett imputati jinsabu addebitati b'imputazzjonijiet ta' ricettazzjoni, truffa u frodi nnominata kif ukoll b'imputazzjonijiet ta' evazjoni ta' hlas ta dazju u VAT abbazi tal-Ordinanza tad-Dwana. Qabel ma jigu kkunsidrati ulterjorment dawn l-imputazzjonijiet irid jinghad mal-ewwel li l-Qorti ser tiskarta dak li l-imputati Charles Darmanin u Noel Chircop qalu fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati kemm minhabba dak li indikaw fid-deposizzjoni taghhom meta xehdu viva voce quddiem din il-Qorti dwar ic-cirkostanzi li fihom huma rrilaxxjaw l-istqarrijiet u aktar u aktar minhabba l-izviluppi kostituzzjonali dwar id-dritt ta' persuna interrogata li tikkonsulta ma avukat qabel ma tirrilaxxja stqarrija. Mid-dati jirrizulta li z-zewg imputati ma gewx koncessi dan id-dritt.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz bl-ebda mod ma jirrizulta pruvat ir-reat ta' ricettazzjoni ghaliex minn imkien ma rrizulta li l-merkanzija in dizamina kienet gejja minn serq jew mehuda b'reat. Dwar ir-reat ta' truffa l-Qorti taqbel li minn imkien mill-provi ma jirrizulta lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li xi wiehed mit-tlett imputati kien ghamel jew kien ser jaghmel xi forma ta' gwadann u dan huwa wiehed mill-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Jibqa' issa sabiex jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet ta' frodi nnominata u dawk mahruga a tenur tal-Kap. 37 u tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz bl-ebda mod ma jirrizulta li xi hadd mit-tlett imputati kien awtur jew

komplici fl-operazzjoni ta’ evazjoni ta’ dazju imhejjija minn Roderick Tanti, Christopher Cutajar u Joseph Fenech. Meta xehed Christopher Cutajar fil-proceduri odjerni huwa bl-ebda mod ma indika li xi wiehed mit-tlett imputati fil-kawza odjerna kien partecipi fl-operazzjoni kollha. Kif intqal aktar ‘il fuq il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet taghhom. In kwantu dak li xehed l-imputat Noel Chircop dwar il-komunikazzjoni li saret mieghu mill-imputat John Grech il-Qorti ma tistghax tehodha in konsiderazzjoni ghaliex hija xhieda ta’ ko-akkuzat u ghalhekk ma tistghax tintuza bhala prova fil-konfronti ta’ ko-akkuzat. Wara li semghat id-deposizzjonijiet tal-imputati Charles Darmanin u Noel Chircop il-Qorti tinsab rinfaccjata b’dubju ragonevoli dwar jekk effettivament l-imputati Darmanin u Chircop kienux xjentement ippartecipaw fl-operazzjoni ta’ kuntrabandu adoperata minn Cutajar Tanti u Fenech jew jekk kienx hemm xi common design bejnithom. Kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq mill-provi rrizulta biss li Chircop kien jaf li Cutajar xtaq idahhal zewg pallets u jghaddihom mid-Dwana minghajr ma jhallas dazju izda rrizulta wkoll li huwa rrifjuta li jippartecipa f’din l-operazzjoni u li huwa accetta biss li jitrasporta l-merkanzija Malta u xejn aktar. Jista’ l-fatt wahdu li Darmanin fuq awtorizzazzjoni ta’ Chircop halla lil Cutajar jghabbi l-merkanzija fuq it-trukk tieghu izda tah struzzjonijiet stretti li ma johrogx minn Hal-Far qabel ma jkollu l-karti relattivi jitqies li Daramanin jew Chircop kienu partecipi u komplici f’dak li sussegwentement wettqu Cutajar, Fenech u Tanti? Il-Qorti jidrilha li r-Risposta hija fin-negattiv ghaliex mill-provi rrizulta li la Darmanin u l-anqas Chircop ma rrilaxxjaw id-dokumenti necessarji (il-Gate Passs Out) sabiex il-merkanzija tkun tista’ tohrog minn Hal-Far u fil-fatt irrizulta li Cutajar seta’ johrog minn Hal-Far minghajr id-dokumenti relattivi bil-koperazzjoni tal-Ufficjal tad-Dwana Mario Saliba li hallih johrog mill-gate ta’ Hal-Far minghajr Gate Pass Out. Minn imkien mill-provi ma rrizulta li Chircop jew Darmanin kienu konsapevoli li Cutajar kien ser jipprova johrog minn Hal-Far minghajr Gate Pass Out. L-imputati Charles Darmanin u Noel Chircop ghalhekk ma jistghux jinstabu hatja ta’ ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi fil-konfronti tal-imputat John Grech u kif intqal aktar ‘il fuq dak li xehed Noel Chircop ma jistghax jitqies bhala prova kontra tieghu, inoltre Christopher Cutajar bl-ebda mod ma indika li John Grech kien partecipi fl-operazzjoni ta’ kuntrabandu u Mario Saliba ma ttellax bhala xhud sabiex jindika li inghata struzzjonijiet minghand Grech sabiex ihalli lil Cutajar jghaddi minghajr Gate Pass Out. L-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu ghalhekk l-anqas ma jistghu jitqiesu bhala pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati John Grech, Charles Darmanin u Noel Chircop bhala mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------